



emcdda.europa.eu

Ġabra fil-qosor ta' Ċentru Ewropej ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

Objettiv droga

ISSN 1725-8537

Użu ta' sustanzi fost persuni adulti kbar fl-età: problema injorata

Ġeneralment, l-użu ta' sustanzi huwa assoċjat maż-żgħażaġh, iżda problemi bħal dawn m'għandhomx limiti ta' età. It-tagħrif attwali dwar l-anzjani huwa limitat, u hekk jagħmilha diffiċli biex wieħed jikkalkola l-firxa u l-implikazzjonijiet eżatti ta' din il-kwistjoni. Madankollu, il-previżjonijiet għas-snin li ġejjin huma inkwetanti, u l-użu ta' sustanzi minn persuni adulti kbar fl-età aktarx isir problema injorata fost iċ-ċittadini injorati tagħna.

Kif turi l-grafika, l-Ewropa qiegħda tesperjenza tixjiĥ ċar tal-

popolazzjoni tagħha. Matul is-seklu għoxrin, in-numru ta' Ewropej ta' 65 sena jew aktar ittriplika, u t-tul ta' ħajja mistenni iżjed minn irdoppja. Sa l-2028, aktar minn kwart tal-popolazzjoni ta' l-Ewropa se jkollha 65 sena jew aktar.

In-numru ta' persuni kbar fl-età bi problemi marbuta ma' l-użu ta' sustanzi jew li jeħtieġu trattament għal disturb minn użu ta' sustanzi huwa stmat li se jżied b'aktar mid-doppju bejn l-2001 u l-2020. Sa ċertu punt dan huwa dovut għad-daqs tal-grupp li twieled

fil-baby-boom (imwelldin bejn l-1946 u l-1964) u r-rata ogħla ta' użu tas-sustanzi fost dan il-grupp. L-ammont dejjem jżied ta' adulti kbar fl-età bi problemi marbuta ma' użu ta' sustanzi se jiffa' domandi ġodda u akbar fuq is-servizzi tal-kura. Il-programmi li huma mdorrija jitrattaw prinċipalment ma' popolazzjonijiet żgħażaġh se jkollhom jaddattaw irwieħhom sabiex jaqdu l-ħtiġijiet ta' dan il-grupp aktar anzjan.

Definizzjoni

Persuni kbar fl-età li jużaw is-sustanzi jistgħu jiġu kklassifikati bħala dawk li bdew jużawhom kmieni (*survivors*) jew dawk li bdew jużawhom tard (*reactors*). Min beda jużahom kmieni ġeneralment ikollu storja twila ta' użu tas-sustanzi li tkompli sax-xjuħija. Min beda jużahom tard, ħafna drabi beda minħabba avvenimenti fil-ħajja li ħolqu tensjoni, fosthom l-irtirar mix-xogħol, it-tkissir taż-żwieġ, l-iżolament soċjali jew il-mewt ta' xi ħadd. Fir-rigward ta' l-użu mill-alkoħol, l-istudji juru differenzi kliniċi importanti li jirriżultaw mill-età li fiha l-pazjenti bdew jagħmlu użu minn dawn is-sustanzi.

Daqqa t'għajn lill-kwistjonijiet fundamentali

1. Persuni adulti kbar fl-età jagħmlu użu frekwenti minn mediċini preskritti u li jinkisbu mingħajr riċetta tat-tabib. L-użu problematiku ta' dawn il-mediċini jista' jkun intenzjonali jew mhux intenzjonali, u jvarja fil-gravità.
2. Għalkemm l-użu ta' drogi illeċiti huwa anqas frekwenti fost persuni adulti kbar fl-età milli fost iż-żgħażaġh, il-prevalenza tiegħu qiegħda tiżdied. Dawk li jużaw id-droga qed jixjieħu, u filwaqt li programmi ta' manteniment iżommu aktar pazjenti taħt kura, in-numru ta' pazjenti anzjani qiegħed jżied.
3. Iċ-ċifri juru li adulti kbar fl-età għandhom riskju relattivament għoli li jkollhom problemi ta' xorb. L-użu ta' alkoħol u drogi oħra flimkien iwassal għal riskju akbar ta' problemi soċjali, psikoloġiċi u tas-saħħa fiżika, u jista' jikkaġuna diffikultajiet saħansitra fejn il-konsum ta' l-alkoħol ikun baxx jew moderat.
4. Ix-xjuħija tista' twassal għal problemi psikoloġiċi, soċjali u ta' saħħa li jservu bħala fatturi ta' riskju fir-rigward ta' l-abbuż mis-sustanzi, u li jistgħu wkoll ikunu aggravati bl-użu ta' sustanzi.
5. Il-problemi tas-saħħa mentali u fiżika huma aktar komuni fost adulti kbar fl-età li jużaw sustanzi, madankollu l-biċċa l-kbira ta' l-adulti kbar fl-età għandhom kuntatt regolari mas-servizzi tal-kura primarja jew servizzi oħra tas-saħħa.
6. Ftit li xejn għandna tagħrif fuq il-kura ta' l-użu ta' sustanzi mill-anzjani. Madankollu, pazjenti akbar fl-età jimpenjaw ruħhom sew fi programmi ta' kura, u jistgħu jiksbu riżultati sodisfaċenti mill-kura.

1. Mediċini preskritti u dawk li jinkisbu mingħajr riċetta tat-tabib

L-anzjani huma konsumaturi frekwenti u regolari ta' mediċini preskritti u mediċini li jinkisbu mingħajr riċetta tat-tabib. Persuni 'l fuq minn 65 sena jużaw madwar terz tal-mediċini preskritti kollha, li ħafna drabi jinkludu l-benzodjazepini (*benzodiazepines*) u l-analġeżiċi oppjojdi (*opioid analgesics*). Huwa aktar probabbli li, meta mqabbel mal-każ ta' l-irġiel, jiġu preskritti mediċini psikoattivi lin-nisa kbar fl-età u li dawn jabbużaw minnhom, u huma wkoll f'riskju li jabbużaw minn mediċini li jingħataw b'riċetta aktar minn kwalunkwe grupp ta' età oħra. Huwa partikolarment probabbli li ħadd ma jinduna bi problemi f'dan il-grupp.

L-abbuż minn mediċini preskritti fost l-anzjani jista' jkun jatroġeniku (ikkaġunat involontarjament mill-kura). Dan jista' jiġri minħabba nuqqas ta' monitoraġġ regolari ta' l-użu tal-mediċina u r-rispons għall-kura, jew billi jkun preskritti diversi mediċini li jkollhom effetti interattivi mhux mixtieqa. L-espożizzjoni medika għal mediċini preskritti bil-potenzjal għal abbuż jew dipendenza hija kawża sinifikanti ta' l-użu problematiku ta' mediċini minn bosta adulti kbar fl-età.

Persuni adulti kbar fl-età li jiżviluppaw problemi bil-mediċini preskritti sikwit huma differenti mill-pari tagħhom li jikkunsmaw drogi illeċiti billi l-abbuż jista' jkun intenzjonali jew mhux intenzjonali. Każijiet bħal dawn jistgħu jvarjaw fil-gravità minn każijiet ta' abbuż ta' darba, użu ħażin bħal 'self' ta' mediċinali mingħand ħabib/a jew qarib/a, għall-użu rikreattiv perġodiku, għall-abbuż persistenti. Tista' tiġi żviluppata tolleranza u dipendenza fiżika meta medikazzjonijiet preskritti jittieħdu għal perjodi fit-tul, anki f'dożi xierqa, u jista' jkun hemm sintomi ta' l-irtirar jekk il-mediċina ma tibqax tittieħed.

Meta l-abbuż mill-mediċini preskritti jew mill-mediċini li jinkisbu mingħajr riċetta tat-tabib minn persuni adulti kbar fl-età jkun intenzjonali, dan jista' jinvolvi: l-użu apposta ta' dożi akbar minn dawk preskritti, l-użu għal perjodi itwal milli suppost, il-ħżin ta' mediċini, u t-teħid ta' mediċini ma' l-alkoħol.

2. Drogi illeċiti

L-istess bħal dawk iżgħar minnhom, persuni adulti kbar fl-età jistgħu jużaw drogi illeċiti. Għalkemm l-użu tad-drogi illeċiti huwa anqas komuni

f'dan il-grupp, il-prevalenza tiegħu qiegħda tiżdied. Stimi mill-Istati Uniti jissuġġerixxu li n-numru ta' persuni ta' 'l fuq minn 50 sena li jeħtieġu kura għal problemi relatati mad-drogi illeċiti jista' jiżdied b'sa 300% bejn l-2001 u l-2020.

Hekk kif il-programmi tal-metadon u programmi oħra ta' manteniment isiru aktar effikaċi biex iżommu l-pazjenti taħt kura u jnaqqsu l-imwiet minn dożi eċċessivi, in-numru ta' pazjenti akbar fl-età kulma jmur sejjer jiżdied. Fl-Unjoni Ewropea, bejn l-2002 u l-2005, il-proporzjon ta' pazjenti ta' 40 sena jew aktar li kien irrappurtat li qed jiġu kkurati għal problemi marbutin mal-loppju (*opiate problems*) żdied b'aktar mid-doppju (minn 8.6% għal 17.6%).

Għalkemm fit-tassewiri magħruf fuq il-fatturi ta' riskju mill-użu ta' drogi illeċiti fost adulti kbar fl-età, l-abbuż jew dipendenza preċedenti huma sikwit fatturi sinifikanti; il-biċċa l-kbira tal-persuni akbar fl-età li jużaw drogi illeċiti jibdeu kmieni. L-użu tad-drogi illeċiti huwa problema wkoll fost persuni li fl-istess ħin għandhom problemi ta' saħħa mentali. Fis-servizzi tas-saħħa mentali, il-kannabis hija l-aktar droga illeċita li tintuża b'mod komuni.

Dawk li jużaw regolarment id-drogi b'għan rikreattiv qegħdin jixjieħu wkoll u jistgħu jesperjenzaw aktar kumplikazzjonijiet max-xjuħija. Nies akbar fl-età jimmetabolizzaw id-drogi aktar bil-mod u l-moħħ jista' jkun aktar sensitiv għall-effetti tad-droga aktar ma l-bniedem jikber. Ħafna stimulanti jwasslu għal bidliet fil-funzjoni riċettiva tal-moħħ, u dan iqajjem tħassib dwar l-effetti fit-tul tagħhom. Problemi bħal dawn jistgħu jinteraġixxu ma' proċessi oħra biex jaċċelleraw il-progressjoni, jew iżidu l-gravità ta' indebolimenti newrokonoxxittivi assoċjati max-xjuħija.

3. Alkoħol

L-istatistiċi juru li sa 10% tal-popolazzjoni anzjana ta' l-Istati Uniti għandha problemi ta' alkoħoliżmu fit-tassewiri wisq qawwijin, u bejn 2% u 4% jilhqqu l-kriterji dijanjostiċi għall-użu jew id-dipendenza fuq l-alkoħol. Fl-Ewropa, 27% tal-persuni ta' 55 sena u aktar jiddikjaraw li jixorbu l-alkoħol kuljum. It-tagħrif disponibbli jissuġġerixxi li dan il-grupp ta' età huwa f'riskju relattivament għoli li jesperjenza problemi tax-xorb.

Il-bidliet metaboliki u fiżjoloġiċi assoċjati max-xjuħija jistgħu jwasslu għal effetti li jagħmlu ħsara f'livelli ta' konsum aktar baxxi milli għal persuni ta' età iżgħira.

Studju ta' pazjenti li jabbużaw mill-alkoħol f'sitt pajjiżi Ewropej sab li persuni akbar fl-età li kellhom problema tax-xorb kellhom aktar problemi ta' saħħa fiżika meta mqabbin ma' persuni iżgħar, minkejja li kienu jixorbu inqas u kienu inqas dipendenti fuq l-alkoħol minn dawn ta' l-aħħar. Ix-xorb eċċessiv fost l-anzjani jista' jggrava wkoll il-problemi mediċi assoċjati max-xjuħija. Persuni akbar fl-età li għandhom problemi ta' saħħa u li jixorbu ħafna alkoħol huma f'riskju akbar u għandhom ikunu fil-mira għal interventi sabiex tkun indirizzata aħjar din il-problema partikolari.

L-użu ta' drogi u alkoħol flimkien iwassal għal riskju akbar ta' problemi soċjali u ta' saħħa. Mediċini apparentement innokwi, preskritti jew miksuba mingħajr riċetta tat-tabib, jistgħu jaħdmu ma' l-alkoħol, u jwasslu għal kalma eċċessiva u riskju akbar ta' inċidenti u korrimenti. Bl-istess mod, l-użu ta' l-alkoħol u drogi oħra flimkien jista' jikkaġuna problemi fost persuni akbar fl-età, saħansitra b'konsum ħafif jew moderat ta' xorb. Is-sedattivi tas-sistema nervuża ċentrali (eż. benzodjazepini u analġeżiċi oppjojdi) jintużaw komunement minn adulti kbar fl-età. L-effetti negattivi ta' dawn id-drogi jiżdiedu anki b'ammonti iżgħar ta' alkoħol. Barra minn hekk, it-taħlit ta' l-alkoħol u s-sedattivi jżid sostanzjalment ir-riskju ta' doża eċċessiva.

4. Riskji speċjali għall-anzjani

Il-proċess tax-xjuħija huwa sikwit assoċjat ma' firxa ta' problemi soċjali, psikoloġiċi u ta' saħħa. Ħafna minn dawn huma fatturi ta' riskju fir-rigward ta' l-abbuż mis-sustanzi fost persuni akbar fl-età, u min-naħa tagħhom jistgħu jkun aggravati mill-użu ta' sustanzi.

Il-problemi soċjali fost nies akbar fl-età jistgħu jirriżultaw minħabba luttu, iżolament soċjali, nuqqas ta' appoġġ soċjali u diffikultajiet finanzjarji. Problemi psikoloġiċi jistgħu jinkludu d-depressjoni, is-solitudni, l-ansjetà, il-problemi tal-memorja, id-deterjorament konjittiv, id-demenzja u l-konfużjoni. Il-problemi fiżiċi jistgħu jinkludu nuqqas ta' mobilità, waqgħat, kura personali anqas tagħhom infushom, u saħħa ġenerali ħażina.

Ix-xjuħija għorr riskju dejjem jikber ta' kundizzjonijiet mediċi ta' wġiġh, u l-maġġoranza kbira ta' l-anzjani jirrappurtaw li reċentement esperjenzaw xi xorta ta' wġiġh. Dan jista' jwassal għall-iżvilupp jew tkompliġja ta' l-użu ħażin ta' sustanzi (fosthom l-alkoħol)

sabiex jgħinuhom ikampaw ma' l-uġiġħ minħabba l-effetti analġeżiċi qosra tagħhom. Ngħidu aħna, l-uġiġħ kultant jingħata bħala raġuni għall-użu terapewtiku tal-kannabis.

Aktar ma l-konsumaturi kroniċi tad-droga jikbru fl-età, ħafna minnhom jiżviluppaw mard serju u terminali u xi wħud jistgħu jirrikorru għal sustanzi psikoattivi biex jaffrontaw il-problemi tagħhom. Il-ħtieġa li tkun ipprovduta kura paljattiva għal persuni morda b'mod terminali li jużaw is-sustanzi tqajjem kwistjonijiet speċjali. Din hija sfida importanti għall-professjonisti mediċi u għas-servizzi tal-kura ta' saħħa. Ftit huwa magħruf fuq kif l-aħjar li jinqadew il-ħtiġijiet ta' din il-popolazzjoni fl-aħħar ta' ħajjitha.

5. Identifikazzjoni u valutazzjoni

Minħabba li l-problemi tas-saħħa huma komuni ħafna fost l-adulti kbar fl-età li jużaw is-sustanzi, ħafna minnhom ikollhom kuntatt regolari mas-servizzi mediċi. Għalhekk, is-servizzi tal-kura primarja u servizzi oħra tal-kura tas-saħħa jipprovdu opportunità siewja biex dan il-grupp jiġi skrinjat.

Madankollu, minkejja l-kuntatt regolari tagħhom mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, id-disturbi kkaġunati mill-użu tas-sustanzi fost persuni akbar fl-età ħafna drabi ma jiġux magħruffin jew ikunu suġġetti għal dijanjożi żbaljata. Ħafna tobba m'għandhomx taħriġ adegwat f'dan il-qasam, u l-kriterji dijanjoziċi attwali biex tkun valutata d-dipendenza

u l-vizzju fost persuni adulti kbar fl-età jistgħu ma jkunux sodisfaċenti. Barra minn hekk, kondizzjonijiet ta' ko-morbidità komuni li jidhru f'adulti kbar fl-età (eż. d-deterjorament konjittiv) jistgħu jagħmlu l-iskrinjar aktar diffiċli, u xi kondizzjonijiet ta' ko-morbidità (eż. aġitazzjoni, konfużjoni) jistgħu jkunu l-kawża jew il-konsegwenza ta' l-użu tas-sustanzi. Persuni adulti kbar fl-età jistgħu wkoll ma jammettux il-problema tagħhom minħabba l-istigma li din iġġib magħha fost il-grupp ta' l-età tagħhom.

Valutazzjoni aħjar tad-disturbi kkaġunati mill-użu ta' sustanzi fost persuni adulti kbar fl-età tista' għalhekk teħtieġ miżuri ta' użu u dipendenza speċifiċi għall-età. Barra dan, tista' tkun meħtieġa distinzjoni aktar ċara bejn tipi differenti ta' użu tas-sustanzi sabiex titqies firxa ta' manifestazzjonijiet komportamentali u kliniċi. Użu li jibda aktar tard jista' jkollu karatteristiċi ta' dipendenza anqas jew differenti.

Proċeduri sempliċi aħjar ta' skrinjar jistgħu jkunu implimentati permezz ta' monitoraġġ adegwat ta' preskrizzjonijiet ripetuti, u/jew il-preskrizzjoni ta' diversi mediċini. Il-kwestjonarji ta' l-iskrinjar u tal-valutazzjoni għandhom ikunu żviluppati speċifikament sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-problemi tal-persuni kbar fl-età.

6. Kura: interventi u servizzi

Ir-realtajiet tat-tibdil demografiku u l-ħtiġijiet dejjem akbar ta' servizzi għall-konsumaturi li jużaw sustanzi qegħdin

"Meta nqisu kif nirrispondu għall-problemi tad-droga fil-komunità jew għall-ħtiġijiet ta' dawk li qed jieħdu l-kura, irridu naċċettaw li l-użu tad-drogi fl-Ewropa m'għadux fenomenu limitat għaż-żgħażaġh. Dan il-fatt iġib miegħu l-obbligu li niżviluppaw metodi u nirvedu l-interventi sabiex niżguraw li jkunu adattati wkoll għaċ-ċittadini akbar fl-età."

**Wolfgang Götz,
Direttur ta' l-EMCDDA**

ipoġġu pressjoni finanzjarja fuq ir-riżorsi eżistenti. In-nuqqas ta' azzjoni stess iġib spejjeż u jista' anki jwassal għal spejjeż akbar minħabba kriżijiet li jiġu wara. In-nefqa globali għal dan il-grupp ta' età kbira tista' titnaqqas billi jkunu pprovduti interventi f'waqthom u effikaċi f'kuntesti xierqa.


Kif diġà ntqal, meta wieħed jittratta pazjenti aktar anzjani, għandha tingħata attenzjoni akbar għall-problemi tas-saħħa marbuta mal-ko-morbidità. Persuni akbar fl-età li jużaw is-sustanzi jista', ngħidu aħna, ikollhom mard kroniku, inkluż mard tal-fwied minħabba infezzjoni kronika ta' l-epatite C, jew mard relatat ma' l-HIV, u għalhekk jistgħu jkunu jeħtieġu forom ta' kura speċjalizzati.

Is-servizzi kontra d-dipendenza ġeneralment għandhom riżorsi limitati ta' kura medika. Il-programmi fir-rigward ta' l-użu tas-sustanzi għal persuni kbar fl-età għandhom ikunu kapaċi jipprovdu servizzi mediċi ta' livell bażiku, u fejn jinstabu problemi tas-saħħa gravi jew kumplessi, jibagħtu l-pazjenti għand is-servizzi mediċi speċjalizzati.

Id-diżintossikazzjoni l-aħjar li ssir f'kuntest mediku sabiex ikunu evitati interazzjonijiet potenzjali bejn mediċini u sustanzi oħra, jew minħabba mard ikkaġuat mill-ko-morbidità. Jistgħu jkunu meħtieġa reġimi ta' dożaġġ differenti minħabba bidliet metaboliki relatati ma' l-età.

Bosta kwistjonijiet terapewtiċi m'humieħ adegwatament mifhuma fir-rigward ta' persuni anzjani li jużaw id-droga, madankollu, pazjenti kbar fl-età jiksbu riżultati ekwivalenti jew aħjar minn persuni adulti iżgħar meta jibdedew il-kura. Ċittadini anzjani għandu jkollhom aċċess għal servizzi tas-saħħa effikaċi fejn jinqadew b'dinjità u b'sensittività. Dan jista' jkun jeħtieġ l-iżvilupp ta' firxa usa' u ta' alternattivi għall-kura attwali.

Perċentwali tal-popolazzjoni totali Ewropea li għandha 65 sena jew aktar (storiku u previst)



Sors: Eurostat

Objettiv droga hija sensiela ta' aġġornamenti ta' politika ppubblikata miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (EMCDDA) ta' Liżbona. L-aġġornamenti jsiru tliet darbiet fis-sena bit-23 lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, u bin-Norveġiż u t-Tork. Lingwa oriġinali: l-Ingliż. Kull parti tista' tkun riprodotta bil-kondizzjoni li jissemma minn fejn ittieħdet.

Għal abbonamenti b'xejn, jekk jogħġbok speċifika l-ħtiġijiet tiegħek permezz tal-posta elettronika publications@emcdda.europa.eu

Rua da Cruz de Santa Apolónia, 23-25, P-1149-045 Liżbona
Tel. (351) 218 11 30 00 • Feks (351) 218 13 17 11
info@emcdda.europa.eu • <http://www.emcdda.europa.eu>

Konklużjonijiet u konsiderazzjonijiet politiċi

1. L-użu problematiku ta' mediċini preskritti u mediċini li jinkisbu mingħajr riċetta tat-tabib minn persuni adulti kbar fl-età huwa komuni. Identifikazzjoni aħjar teħtieġ monitoraġġ regolari ta' l-użu tal-mediċina u r-rispons għall-kura, u wkoll valutazzjoni bir-reqqa ta' problemi oħra soċjali u tas-saħħa li jistgħu jkunu kkaġunati mill-użu ta' sustanzi.
2. Il-prevalenza ta' l-użu ta' drogi illeċiti minn persuni adulti kbar fl-età qiegħda tiżdied. Is-servizzi ta' kura għad-dipendenza u servizzi oħra ta' kura tas-saħħa m'humiex konxji biżżejjed taħtigijiet ta' persuni aktar anzjani li jużaw id-droga u jeħtieġ li jantiċipaw u jħejju għaż-żidiet previsti fid-domanda minn dan il-grupp ta' età.
3. L-problemi ta' l-alkoħol huma aktar komuni fost l-adulti kbar fl-età u jistgħu jeżistu simultanjament ma' problemi ta' d-drogi illeċiti. Għalhekk, is-servizzi tal-prevenzjoni tad-droga jista' jkollhom bżonn jirrevedu s-sistemi tal-kura tagħhom sabiex jiżguraw li l-problemi relatati ma' l-alkoħol ikunu magħrufin.
4. Bosta problemi soċjali, psikoloġiċi u tas-saħħa jistgħu jolqtu lill-persuni kbar fl-età u jqegħduhom f'riskju akbar ta' użu tas-sustanzi. Problemi ta' din ix-xorta jeħtieġu attenzjoni speċifika jekk l-interventi għal dan il-grupp iridu jkunu totalment effikaċi.
5. Valutazzjoni aħjar tad-disturbi kkaġunati mill-użu ta' sustanzi fost persuni adulti kbar fl-età tista' teħtieġ miżuri ta' użu u dipendenza speċifiċi għall-età. Għalkemm l-identifikazzjoni tad-disturbi kkaġunati mill-użu ta' sustanzi tista' tkun diffiċli, is-servizzi tal-kura primarja u servizzi oħra ta' kura tas-saħħa qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jagħmlu skrinjar għal problemi kkaġunati mill-użu ta' sustanzi.
6. Kura xierqa u effikaċi għandha titfassal skond il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni kbar fl-età li jabbużaw mis-sustanzi, saħansitra jekk attwalment f'it huwa magħruf dwar dan il-grupp ta' pazjenti. Dan jista' jeħtieġ modifika fil-forom ta' kura eżistenti, jew li jkunu żviluppatti oħrajn ġodda. B'mod partikolari, il-kura għandha tkun aktar attenta għall-kondizzjonijiet ta' ko-morbidità li fihom jistgħu jinsabu l-persuni adulti kbar fl-età.

Sorsi prinċipali

Brennan, P.L., Nichol, A.C. u Moos, R.H., 'Older and younger patients with substance use disorders: outpatient mental health service use and functioning over a 12-month interval', *Psychology of Addictive Behaviors*, Vol.17(1), pp. 42-48, 2003.

Gfroerer, J., Penne, M., Pemberton, M. u Folsom, R., 'Substance abuse treatment among older adults in 2020: the impact of the aging baby-boom cohort', *Drug and Alcohol Dependence*, Vol. 69, pp.12-135, 2003.

Gossop, M., Neto, D., Radovanovic, M., Batra, A., Toteva, S., Musalek, M., Skutle, A. u Goos, C., 'Physical health problems among patients seeking treatment for alcohol use disorders: a study in six European cities', *Addiction Biology*, Vol. 12, pp.190-196, 2007.

O'Connell, H., Chin, A.V., Cunningham, C. u Lawlor, B., 'Alcohol use disorders in elderly people - redefining an age old problem in old age', *British Medical Journal*, 327, pp. 664-667, 2003.

Satre, D., Mertens, J., Arean, P. u Weisner, C., 'Five-year alcohol and drug-treatment outcomes of older adults versus middle-aged and younger adults in a managed care program', *Addiction*, Vol. 99, pp.1286-1297, 2004.

Simoni-Wastila, L. u Yang, H.K., 'Psychoactive drug abuse in older adults', *American Journal of Geriatric Pharmacotherapy*, 4, pp.380-394, 2006.

Informazzjoni fuq l-internet

Is-sit ta' l-internet tal-Kummissjoni Ewropea - is-saħħa u l-anzjani

http://ec.europa.eu/health-eu/my_health/elderly/index_mt.htm

Bullettin tas-Sistema Nazzjonali Olandiża ta' Informazzjoni dwar l-Alkoħol u d-Droga

http://www.sivz.nl/content/_files/bulletin_alcohol_english.pdf

Uffiċċju ta' Studji Applikati. Adulti kbar fl-età li qed jingħataw il-kura minn abbuż ta' sustanzi: aġġornament (Office of Applied Studies. Older adults in substance abuse treatment: update)

Stħarriġ Nazzjonali dwar l-Użu tad-Drogi u s-Saħħa fost adulti akbar fl-età: aġġornament ta' l-2002 u l-2003 (National Survey on Drug Use and Health. Substance use among older adults: 2002 and 2003 update).

<http://oas.samhsa.gov/2k5/olderadults/olderadults.htm>

Stħarriġ ta' l-Ewrobarometru - Attitudnijiet lejn l-Alkoħol

http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/alcohol/documents/ebs272_en.pdf

L-alkoħol, paġna ewlenija:

http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/alcohol/alcohol_en.htm



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.europa.eu

PUBBLIKATUR UFFIĊJALI: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

© Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2008

DIRETTUR: Wolfgang Götz

AWTUR: Il-Professor Michael Gossop, National Addiction Centre, King's College, Londra, ir-Renju Unit

EDITUR: Marie-Christine Ashby

GRAFIKA: Dutton Merrifield Ltd, ir-Renju Unit

Printed in Italy